**6 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Francesca Zahra**

***versus***

**Gaetano Zahra et.**

**Separazzjoni tal-Beni — Dota — Dotarju — Ċitazzjoni — Dikjarazzjoni — Nullità — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 1376 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 155(3) tal-Proċedura Ċivili.**

*F'kawża li tagħmel il-mara biex titlob li jiġu prelevat; tant beni kemm ikun hemm bżonn biex jassikuraw ir-restituzzjoni tad-dota tagħha u l-ħlas tad-dotarju lilha miktub minn żewjha, minħabba d-diżordni fl-affarijiet ta' dan u l-periklu li hija titlef dawn il-jeddijiet tagħha għad-dota u dotarju, jeħtieġ li tiġi premessa domanda espressa għas-separazzjoni tal-beni. L-importanza tat-talba għas-separazzjoni tal-beni hija kapitali, u n-nuqqas tagħha jirrendi null u irritu l-att taċ-ċitazzjoni.*

*Xejn ma jimporta li dik it-talba tissemma fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni; għaliex l-iskop tad-dikjarazzjoni hu biss in-narrazzjoni ċara u dettaljata tal-fatt; tal-kawża, imma qatt li tirrimedja għan-nuqqas ta' dak li hu rikjest mill-liġi fiċ-ċitazzjoni.*

*Konsegwentement, jekk issir it-talba mill-mara għall-assenjazzjoni fuq imsemmija, mingħajr ma tkun preċeduta minn domanda espressa għas-separazzjoni tal-beni, ir-raġel konvenut f'dik il-kawża għandu jiġi liberat "ab observantia".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn, peress illi l-attriċi tinsab f'periklu li titlef id-dota u beni parafernali u dotarju minħabba taħwid fl-affarijiet ta' żewġha, u li l-beni ta' żewġha mhumiex sejrin ikunu biżżejjed biex jissoddisfaw il-jeddijiet u l-pretensjonijiet tagħha; talbet (1) li dil-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni li l-affarijiet ta' żewġha qegħdin jipperi-

kolaw il-jeddijiet tal-attriċi, tordna illi jiġu prelevati beni immobili a proporzjon li jidhrilha l-istess Qorti mill-mobilja u mill-beni li għadhom f'idejn l-imsemmi konvenut Zahra, ekwivalenti għall-krediti tal-attriċi li jammontaw għas-somma ta' £773.18.11, krediti li jirriżultaw miċ-ċertifikati annessi (dokumenti A.B.C.D.E.), u li dawn il-beni hekk prelevati jiġu assenjati lill-attriċi; (2) li dil-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu, u d-dekadenza tiegħu mill-amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali ta' martu attriċi. Bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali opposta mill-konvenuti George Zammit, I.C.A. Charles Cumbo, u Carmelo Gusman, fuq verbalizzata;

Illi l-attriċi fiċ-ċitazzjoni ppremettiet li hija tinsab fil-perikolu li titlef id-dota, il-beni parafernali u d-dotarju, minħabba t-taħwid fl-affarijiet ta' żewġha, u li l-beni tiegħu mhumiex sejrin ikunu biżżejjed biex jissoddisfaw il-jeddijiet tagħha; liema premessa, skond l-art. 1376 tal-Kodiċi Ċivili, tawtorizza biss lill-attriċi, mingħajr il-kunsens ta' żewġha jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, li titlob il-firda tal-beni tagħha tad-dota minn ħwejjeġ ir-raġel, u l-assikurazzjoni tad-dotarju, jew, skond il-każ, il-firda ta' daqshekk beni tar-raġel daqs kemm ikunu jeħtieġu biex jagħmlu tajjeb għad-dota u d-dotarju; jiġifieri l-attriċi kien imissha tagħmel "domanda espressa" għas-separazzjoni tal-beni. Din id-domanda tidher wisq aktar meħtieġa meta wieħed jikkunsidra l-effetti rikonoxxuti mill-liġi lil din is-separazzjoni. Difatti, hija l-"firda" tal-beni li ġġib, sija pure fuq talba "ad hoc", ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti (art. 1377 Kod. ċit.), kif ukoll l-amministrazzjoni u d-dgawdija fil-mara tal-beni mifruda (art. 1380 Kod. Ċiv.), dritt dan normalment proprju tar-raġel, li minnu għalhekk jiġi jiddekadi — kollha effetti dawn li l-attriċi qegħedha titlob fit-tieni domanda. Fi ftit kliem, l-importanza tat-talba għas-separazzjoni tal-beni hija kapitali; u n-nuqqas tagħha jirrendi null u irritwali l-att taċ-ċitazzjoni (v. Kollez. XXXI-II-152);

Illi xejn ma jiswa, kif tippretendi l-attriċi, li t-talba għas-separazzjoni tal-beni tinsab imsemmija fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni; għaliex l-iskop tad-dikjarazzjoni huwa biss in-narrazzjoni ċara u dettaljata tal-fatti tal-kawża (art. 155(3) Proċ. Ċiv.), iżda qatt li tirrimedja għan-nuqqas ta' dak li hu rikjest mill-liġi fiċ-ċitazzjoni (Kollez. XXXIV-II-480; P.A. 4.10.1950 in re "Gauci vs. Scerri", inedita);

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni fil-konfront tal-konvenuti Gaetano Mifsud, u George Delia, minħabba r-rinunzja tal-attriċi;

Tilqa' l-preġudizzjali opposta mill-konvenuti George Zammit. I.Ċ.A. Charles Cumbo, u Carmelo Gusman;

U konsegwentement tillibera l-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.